MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 797/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Sebastian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Sebastian Farrugia**, ta' hamsa u tletin (35) sena, bin Angelo u Rita neé Apap, imwieled Pietà, nhar it-18 ta' Dicembru 1975 u li joqghod 30, Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 40476(M), akkuzati talli:

f'Hal-Qormi nhar it-2 ta' Awwissu 2001, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija, ikkometta serq ta' somma ta' flus, liema serq li huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-mezz, bil-

valur li jiskorri l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (Lm 1000), li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istabbiliment "Shopwise Supermarket" u/jew persuni ohra;

talli f'Tas-Sliema, nhar it-2 t'Awwissu 2001, f'xi hin bejn id-disgha neqsin kwart ta' filghodu (08.45am) u d-disgha ta' filghodu (09.00am), ikkometta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GOT-002, liema serq li sar ghad-detriment ta' Godwin Vella minn Marsaxlokk, huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (Lm 1000), bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

talli f'Hal-Qormi nhar it-2 t'Awwissu 2001, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra bosta persuni fosthom, Francis Mintoff minn Hal-Qormi, Bronia Jane Bajada minn G'Mangia, Priscilla Vella mis-Siggiewi, Rose Lynn Farrugia mis-Siggiewi u Stephanie Grech mill-Hamrun, u ohrajn kontra l-volonta taghhom, liema persuni, arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati;

talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kkommetta r-reat ta' serq, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'distanza ta' anqas minn mitejn metru minn post abitat b'perikolu ghal terzi persuni;

talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 t'Awwissu 2001, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé diversi oggetti fl-istabbiliment bl-isem "Shopwise Supermarket" sitwat f'Hal-Qormi, kif ukoll il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GOT-002, liema hsarat li jammontaw ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro cent (Lm 50) saru ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istabbiliment "Shopwise Supermarket" u/jew persuni ohra, kif ukoll ghad-detriment ta' Godwin Vella minn Marsaxlokk.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-*process verbal* (*a fol.* 8 *et seq*) u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta' Frar 2012 (*a fol.* 244) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 267, 270, 275, 277 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278, 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 86 u 87(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Regolamenti 11(2)(a) u 27(1)(3) tar-Regolamenti dwar il-Harsien tal-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg, Avviz Legali 146 tal-1993 kif emendat;
(g) Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Artikoli 17, 20, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2012, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita (*a fol.* 245).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u semghet lix-xhud Mario Antonio Caruana, prodott mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi akkwiziti jirrizulta li fit-2 ta' Awwissu 2001 sehh *hold-up* fis-Shopwise Supermarket minn tlett persuni. L-imputat jinsab akkuzat b'akkuzi relatati ma' dan il-*hold-up* u kif ukoll ma' serq ta' vettura li ntuzat fl-istess *hold-up*.

Jirrizulta li l-Pulizija kienet irceviet telefonata anonima fejn bicca karta (li tinsab ezebita *a fol*. 30 tal-process) giet moghtija lill-Pulizija, liema karta tindika n-numru ta' registrazzjoni li harbu biha l-malviventi. Dan in-numru huwa "GDT 002". Jirrizulta li vettura bin-numru ta' registrazzjoni "GOT 002" kienet insterqet dakinhar tal-*hold up* u li din il-vettura nstabet xi hin wara l-*hold up* fejn, fin-naha tal-*mudguard,* kien hemm tir ta' arma tan-nar fuqha. Ta' min jghid ukoll li rrizulta li waqt li malviventi kienu qed jaharbu minn fuq il-post instema tir. Wara li l-Pulizija dahlitilha nformazzjoni li l-imputat kien responsabbli ghal dan il-*hold up*, il-Pulizija nvestigat lill-imputat li dejjem cahad l-involviment tieghu.

Illi x-xhieda qalu li l-vettura nvoluta fil-*hold up* kienet vettura Mitsubishi Pajero jew xi haga simili, *ossia* vettura *four-wheel drive*. Ta' min jghid li go' din il-vettura nstabu impronti digitali tal-imputat, precizament fuq *stapler*.

Illi, fir-relazzjoni tieghu, Ivan Portelli (Espert tal-Impronti Digitali) wara li ezamina diversi dokumenti, irrizultalu s-segwenti:

"l-esponent ezamina d-dokument 01BPE317 u ghandu jghid li dan id-dokument jigbor fih marka ta' sekwenza ta' zewg impronti digitali, liema impronta giet zviluppata permezz ta' trab iswed (Graphite) powder u elevat permezz ta' lifter trasparenti. Minn analizi li saru fuq dan id-dokument, kif ukoll fuq id-dokument 01BPE 317/A, ritratt relattiv tal-istess impronta, irrizulta li dan id-

dokument gie iddentifikat mas-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Sebastian Farrugia)."[1]

Illi, fil-konkluzjoni tieghu, Portelli jghid:

"Id-dokument immarkat bhala 01BPE 317, wara li gie ezaminat gie identifikat u mqabbel mas-saba l-kbir u saba tax-xurkett tal-id ix-xelluguja ta' Sebastian Farrugia, dokument immarkat bhala JM 5".[2]

Illi jirrizulta mir-relazzjoni ta' PS 198 Arthur Debattista u PC 1184 Patrick Greck li 01BPE 317 huwa *"lifter minn fuq stapler lewn in-nickel li kienet fuq is-seat tal-passiggier quddiem"* (pagna enumerata "47" f'dokument mmarkat bhala Dok. "AD 1", liema dokument jinsab f'*envelope a fol.* 78 tal-process*).* Din l-i*stapler* tidher f'ritratti li jinsabu fl-atti tal-inkjesta, *a fol.* 67 tal-process.

Illi gew prodotti mill-Prosekuzzjoni, fost l-ohrajn, is-segwenti xhieda:

- Francis Mintoff (manager tal-hanut Shopwise). Meta xehed quddiem il-Qorti (*a fol.* 143 *et seq*) pratikament ma ftakar xejn. In konto-ezami qal li ma jafx jekk gietx misruqa xi *stapler*. Id-depozizzjoni ta' Mintoff fl-inkjesta tinsab *a fol.* 40 tal-process fejn kien xehed li l-malvivent kien mghammad u kien ezebixxa karta b'numru ta' registrazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "FM" (*a fol.* 30).

- Bronia Jane Scerri xebba Bajada (eks-kaxxiera). Meta xehdet quddiem il-Qorti (*a fol.* 154 *et seq*), f'*fol.* 161 tikkonferma li l-firma fl-Inkjesta hija taghha. Qalet li l-vettura li harbu biha l-malviventi kienet ta' kulur "offwhite" (*a fol.* 35).

- Godwin Vella (*a fol.* 184 *et seq*), sid il-vettura GOT 002, ikkonferma li l-istapler bin-numri 318 u 316 (*a fol.* 67) hija tieghu u li ghadha ghandu (*a fol.* 192). Fir-

---

[1] *A fol.* 89.
[2] *A fol.* 90.

rigward tal-lewn tal-vettura GOT 002, jghid hekk: *"il-lewn kien ahdar imbaghad kellha xi faxxi isfel, bis-sunroof, mill-kbar jigifieri"* (*a fol.* 185).

- Roselyn Farrugia (eks-kaxxiera). Meta xehdet quddiem il-Qorti (*a fol.* 194 *et seq*) spjegat kif saret il-*hold up* u kkonfermat li l-malvinenti kellhom wicchom mghotti u li ma rathomx jirkbu xi haga meta telqu.

- Stephanie Debono xebba Grech (eks-kaxxiera). Meta xehdet quddiem il-Qorti (*a fol*. 203 *et seq*) qalet li kienet prezenti ghal tlitt *hold-ups* go l-istess post. Id-depozizzjoni taghha fl-inkjesta tinsab *a fol.* 36 u 37. Qalet li l-vettura tal-malviventi kienet *four-by-four* u kienet ta' kulur "off-white" (*a fol.* 208). Meta xehdet quddiem il-Qorti ikkonfermat li l-firma fl-inkjesta kienet taghha.

- Priscilla Vella, li kienet kaxxiera, xehdet quddiem il-Qorti u d-depozizzjoni taghha tinsab *a fol.* 218 *et seq*. Qalet li l-malviventi kienu mghammda. Ikkonfermat il-firma taghha fl-inkjesta (*a fol.* 223).

- Jonathan Ellul, li kien jahdem fil-hanut in kwistjoni, xehed quddiem il-Qorti *a fol.* 226 *et seq*. Ma jiftakarx jekk il-malviventi kienux mghammda jew le (*a fol.* 227). Ikkonferma l-firma tieghu fl-inkjesta. Quddiem il-Qorti jixhed li jahseb li kien ra li l-vettura tal-malviventi kienet wahda Pajero. Fl-inkjesta xehed li ghalih l-vettura kienet Pajero "offwhite" (*a fol.* 38).

**Ikkunsidrat**

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq "circumstantial evidence" li l-Prosekuzzjoni tishaq li din twassal sabiex tista tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Da parte taghha, id-difiza tikkontendi li mill-atti tal-kawza m'hemm l-ebda ness illi l-imputat kien wiehed mit-tlitt malviventi li ghamlu s-serqa in kwistjoni.

Illi minn ezami akkurat ta' l-atti processwali jirrizulta li l-unika prova li torbot lill-imputat mal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu huwa impront digitali wiehed li nstab fuq *stapler* li nghad li nstabet fil-vettura GOT 002.

Illi jirrizulta li l-malviventi fis-serqa kienu mghammda u b'hekk wicchom ma kienx jidher. Ma kienx possibbli ssir identifikazzjoni tal-persuni li kienu nvoluti fis-serqa. Hadd mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma setgha jara wicc dawn il-malviventi.

Illi l-Qorti hija disposta li taghti l-beneficcju ta' dubju fir-rigward tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura indikat minn persuna anonima, liema vettura allegatament ntuzat fis-serqa, li jinghad li kien dak ta' "GDT 002" meta jirrizulta li l-vettura li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat hija "GOT 002". Dan il-beneficcju tad-dubju qieghed jinghad peress illi huwa facli l-ittra "D" tigi mhawda mal-ittra "O", specjalment tenut kont tal-fatt illi hawn si tratta ta' *hold-up* u b'hekk setgha kien hemm nuqqas ta' kjarezza fit-tehid tan-numru ta' registrazzjoni. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li d-diversi xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni xehdu, kemm quddiem il-Qorti u kif ukoll fl-Inkjesta, illi din il-vettura kienet ta' kulur "off-white". Jirrizulta li l-vettura GOT 002 li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat hija wahda ta' kulur iswed bil-parti t'isfel taghha aktar cara (u dana kif jidher minn ritratti *a fol.* 58 tal-process). Da parte tieghu, ir-rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport, Brian Farrugia, xehed hekk: *"Mir-ricerka li ghamilt din il-vettura GOT 002 hija vettura tal-ghamla Toyota Land Cruiser ta' kulur iswed"* (*a fol.* 138). Da parte tieghu, Godwin Vella, sid il-vettura GOT 002, xehed hekk: *"il-lewn [tal-vettura] kien ahdar imbaghad kellha xi faxxi isfel, bis-sunroof, mill-kbar jigifieri"* (*a fol.* 185).

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

"Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex

tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-“*point of comparison*””.

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta’ Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta’ prova indizzjarja – *“circumstantial evidence”*” - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 *“…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities”*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f’post pubbliku jew f’post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta’ xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta’ dak ir-reat”.

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

“Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma’ l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta’ xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, ta’ kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni”.
Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta’ Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

“F’dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba’ z-zghir ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta’ l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta’ wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-

ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

[...]

Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

Ikkunsidrat

Illi fir-rigward tad-decizjoni appena citata, cioé dik tat-22 ta' Novembru 2012, jekk din ghandhiex tigi applikata jew le ghall-kawza odjerna, il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel.

Illi l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impront fuq l-i*stapler* hijiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien wiehed mill-malviventi involut fil-*hold-up* mertu tal-kawza. Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[3].

Illi jinghad li l-*istapler* in kwistjoni instabet fil-vettura li allegatament saret is-serqa biha. Apparti dak li diga nghad aktar qabel rigward il-kulur tal-vettura li jinghad li saret is-serqa biha, anke kieku, ghall-grazzja tal-

[3] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

argument, il-Qorti taccetta li l-vettura li fiha nstabet l-i*stapler* in kwistjoni kienet effettivament ntuzat fis-serqa, xorta jibqa' l-fatt li hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq haga mobbli, cioé fuq *stapler*, u mhux fuq xi haga fissa fil-vettura fuq gewwa. Ta' min jinnota wkoll li l-i*stapler* in kwistjoni tinsab fotografata wahidha (*a fol.* 67) u mhux mad-diversi oggetti ohra li jidhru fil-vettura. Meta Godwin Vella gie muri din l-i*stapler* li tinsab fotografata f'ritratt numru "O1 BPE 149" (*a fol.* 67), dan ikkonferma li din l-i*stapler* hija tieghu u li din ghadha ghandu. Ta' min jinnota wkoll li l-imputat ma giex akkuzat li seraq *stapler*.

Illi, filwaqt li l-impronti digitali ta' l-imputat fuq l-i*stapler* ma jistghax jmerihom hadd, pero dan wahdu ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien wiehed mill-malviventi illi ikkometta l-imsemmi *hold-up*. Illi ma nstabu l-ebda oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reat ghand l-imputat jew xi parti mir-*res furtiva* li tista' tindika l-involviment tieghu. L-imputat min-naha tieghu la jixhed f'dina il-kawza u inoltre fiz-zewg stqarrijiet li huwa jirrilaxxja lill-pulizija (Dok. "CB 1" u Dok. "CB 3" – *a fol.* 119 *et seq*. u *a fol.* 123 *et seq.*) jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat.

Illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw l-allegat involvivment tieghu fil-*hold up* in kwistjoni. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f'dina il-*hold-up*, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. B'hekk il-Qorti ma tisghax tapplika dak li gie ritenut fil-kawza citata aktar qabel, cioé dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** peress illi l-fatt tal-kawzi m'humiex l-istess. Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verita, madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, ghajr ghal impronti digitali wahda li tista tindika diversi

ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista’ qatt tkun prova univoka u ma tista’ qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------